MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2078/2004

**Turista Ltd.**

**vs**

**Patrick Calleja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u sittin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm265.58) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' xiri ta' fuel;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 14 ta' Ottubru, 2004, u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u sittin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm265.58), bl-imghaxijiet kummercjali mit-13 ta' Novembru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-14 ta' Ottubru, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------